# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 11 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 585/2018 MH**

**Numru: 4**

**Franco Buttigieg, Maria Borg Costanzi u Sandra Kirkpatrick**

**vs**

**Avukat Tonio Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Franco Buttigieg et tas-6 ta' Ġunju 2018** permezz ta' liema ġie premess u mitlub -

1. "Illi r-rikorrenti jigu l-eredi tad-defunt Perit Rene Buttigieg u huma kienu talbu li jigu trasfuzi l-atti f'isimhom tac-citazzjoni fl-ismijiet 'Perit Rene Buttigieg nomine vs Ministru ghall-lzvilupp tal-lnfrastrutura et' Rik Guramentat Nru 327/1991GC deciza fit-8 ta' Ottubru 2010;

2. Illi r-rikorrenti kienu qed jigu moghtija servizz prestat lilhom ta' avukat fl-imsemmija proceduri minn l-intimat Dr.Tonio Azzopardi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dana r-rikors guramentat;

3. Illi fl-imsemmija sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, dik il-Qorti kienet ddikjarat li d-drittijiet fundamentali tal-attur f'dawk il-proceduri kienu gew vvjolati u senjatament l-artikoli 36 u 45 tal-Kostituzjoni ta' Malta, izda ma' kienx gie likwidat ammont ta' kumpens bhala rimedju xieraq;

4. Illi r-rikorrenti odjerni kienu 'nkarigaw lill-intimat Azzopardi Tonio Avv sabiex jintavola umli rikors tal-appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell {Sede Superjuri} Gurisdizzjoni Kostituzjonali. Illi I-intimat accetta dan I-inkarigu u anke kien thallas tas-servizzi tieghu sa dak I-istadju;

5. Illi filfatt I-intimat kien intavola l-appell kif kien gie nkarigat, izda rrizulta li tali rikors tal-appell kien gie intavolat tardivament u fouri termine. Illi di fatti permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell [Sede Kostituzjonali] datata 28 ta' Novembru 2011, ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti gie dikjarat irritu u null minhabba li ntavolat tardivament;

6. Illi l-agir tal-intimat meta huwa ippresenta r-rikors tal-appell tardivament, jikkostitwixxi agir negligenti b'mod grossolan da parti tal-intimat, liema agir iwassal ghal danni li gew sofferti mir-rikorrenti u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors guramentat;

7. Illi I-istess intimat kien anke sgwida lir-rikorrenti dwar meta kien gie intavolat l-appell imsemmi, peress li huma saru jafu b'dan biss wara li 'nghatat is-sentenza imsemmija mill-Qorti tal-Appell u dana minn ezercizzju li ghamlu fis-sitema kumpjuterzizata tal-Qorti;

8. Illi l-agir tal-intimat ghalhekk wassal ghal danni sofferti minn naha tar-rikorrenti.

9. Illi I-intimat interpellat sabiex jersaq ghall-assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Jghid ghalhekk il-konvenut intimat ghaliex ma' ghandhiex dina I-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi bl-agir tieghu, I-intimat ikkaguna danni lir-rikorrenti meta huwa intavola appell mill-kawza hawn fuq citata tardivament u ghalhekk tali agir bhala Avukat tar-rikorrenti ghandu jigi meqjus bhala wiehed negligenti b'mod grossolan;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti jekk mehtieg bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tordna lill-intimat ihallas id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittri ufficjali datati 10 ta' Gunju 2015 u 25 ta' Mejju 2017, bl-imghax legali u b'hekk I-intimat jibqa ngunt ghas-subizzjoni;"

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut l-Avukat Tonio Azzopardi tal-20 ta' Novembru 2018**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

1. "ILLI l-azzjoni attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-art 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16);

2. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat mhux responsabbli ghall-pretensjoni jew danni reklamati mill-atturi: huma kienu gew mgharrfa mit-terminu ta' ghoxrin gurnata biex jigi prezentat l-Appell, u kien hemm skambju ta' emails, kollha bi track changes. Huma naqsu milli jzommu kuntatt u jaccertaw rwiehom illi l-Appell gie intavolat fit-terminu. Ir-responsabilita' primarja u l-presunzjoni taghha hija tal-parti li ssewgi l-atti u li tfakkar u tinkariga lill-Avukat dwar it-termini. Ir-rikorrenti qatt ma attendew l-ufficcju ta' l-esponenti; l-azzjoni intentata ma taqax

3. ILLI minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hemm ebda certezza illi Qorti Kostituzzjonali kienet ser tillikwida ammont ta' danni, ghaliex kif inhuwa saput, il-litigazzjoni fil-Qorti ghandha dejjem fattur essenzjali ta' incertezza dwar l-ezitu finali;

[1] Fol 13 et seq

4. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, u minghajr ebda amissjoni, l-atturi kellhom kull opportunita' illi jghalqu l-kwistjoni, meta il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ipproponiet "friendly settlement" fl-ammont ta' hmistax-il elf Ewro (€ 15, 000); l-atturi qed iqisu il-procedura kostituzzjonali bhala wahda patrimonjali, mentri id-dritt fondamentali invokat huwa wiehed extra-patrimonjali, japplikaw regoli differenti u ma jistghu allura l-atturi jippretendu illi il-pretensjoni li jkollhom tigi konsidrata bhala wahda ta' proprieta' – aktar u aktar fid-dawl tal-proceduri dak iz-zmien; dan ifisser illi l-atturi kellhom opportunita', li ma hadux, ta' sodisfazzjoni gust.

5. ILLI ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Salvi eccezzjonijiet ohra"

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat li waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2018 l-Qorti dderiġiet il-partijiet sabiex f'dan l-istadju tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni u għalhekk ordnat l-inverżjoni tal-provi.

Rat il-provi tal-partijiet dwar din l-eċċezzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza dwar din l-eċċezzjoni preliminari.

Rat l-atti tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna l-atturi jilmentaw minn servizz prestat lilhom mill-avukat konvenut stante li wara li nkarigawh biex jappella minn sentenza tal-Qorti, huwa għamel dan tardivament tant li r-rikors tal-appell ġie sussegwentement dikjarat fuori termini mill-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma tal-atturi dan l-aġir kien negliġenti u grossolan u kwindi huma għandhom jitħallsu għad-danni li rrekalhom.

Minn naħa tiegħu l-avukat konvenut irrespinġa dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta tiegħu.

**A. PROVI**

Mill-atti tal-każ jirriżulta li –

1. Bħala eredi tad-defunt Perit Rene' Buttigieg, l-atturi odjerni kienu talbu li jiġu trasfużi f'isimhom l-atti tal-kawża kostituzzjonali Rik Nru 327/91 fl-ismijiet *Perit Rene' Buttigieg noe vs Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura et;*

2. Ir-rikorrenti fil-kawża msemmija kienu patroċinati mill-avukat Tonio Azzopardi;

3. Wara l-għoti tas-sentenza fit-8 ta' Ottubru 2010, ġie intavolat rikors tal-appell mill-atturi odjerni;

4. B'sentenza datata 28 ta' Novembru 2011 il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet hekk[2] –

*"Jirrizulta li s-sentenza appellata inghatat fit-8 ta' Ottubru 2010. Minn din is-sentenza l-appellanti kellhom zmien ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza sabiex jintavolaw appell minnhu ghal quddiem din il-Qorti1 . Iz-zmien ghall-appell kien ghalhekk jiskadi fit-28 ta' Ottubru 2010. L-appell tar-rikorrenti appellanti Sandra Kirkpatrick, Maria Borg Costanzi u Franco Buttigieg gie prezentat fl-1 ta' Novembru 2010 u cioe` meta t-terminu skont il-ligi ghall-appell kien gia` skada.*

*Kif ormai huwa stabbilit, it-termini ghall-appell huma ta' ordni pubbliku u ma tista' ssir ebda deroga minnhom ghal ragunijiet ta' certezza tad-dritt u uniformita` ta' trattament .*

***Decide***

*Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-ilment tal-appellati Ministru ghall-Ambjent gia` Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura u tad-Direttur Generali tax-Xoghlijiet gia` Direttur tax-Xoghlijiet u tal-appellat kjamat in kawza AIC Michael Busuttil dwar it-tardivita` tal-appell u filwaqt li tiddikjara l-istess appell irritu u null ghaxipprezentat fuori termine konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.*

*L-ispejjez marbuta ma' din id-decizjoni jithallsu mir-rikorrenti appellanti Sandra Kirkpatrick, Maria Borg Costanzi u Franco Buttigieg in solidum."*

5. Franco Buttigieg, attur fil-kawża odjerna xehed li[3] -

- Ir-rikorrenti fil-kawża kostituzzjonali Rik Nru 327/1991 kienu nkarigaw lill-avukat konvenut Tonio Azzopardi biex jintavola l-appell minn dik is-sentenza iżda, mingħajr ma qalilhom, huwa kien ippreżenta r-rikors tardivament. Saru jafu b'dan il-fatt wara li ngħatat is-sentenza tat-28 ta'

[2] Fol 53 et seq
[3] Fol 28 et seq , fol 67 et seq u fol 90 et seq

Novembru 2011 meta sabuha fuq l-internet u skoprew ir-raġuni il-għala l-appell tagħhom ġie respint u l-qarib tagħhom li kien avukat bgħatilhom kopja tas-sentenza;

- Huma kienu kellmu lill-Avukat Azzopardi u qalilhom li xtaq jagħmel kawża quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem għax fil-fehma tiegħu kienet kontra d-drittijiet tagħhom li l-appell ma ġiex mismugħ. Qablu li jagħtuh il-kunsens tagħhom biex jagħmel dan b'riżerva għad-dritt tagħhom li jfittxuh għad-danni;
- Kien qalilhom ukoll li jekk jirbħu l-każ mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem imbagħad iħallsuh il-bqija tal-ispejjeż legali u professjonali;
- L-uniċi valuri monetarji li l-partijiet tkellmu dwarhom kien meta **l-konvenut ta lill-atturi idea** ta' kemm fil-fehma tiegħu kellhom jiehdu bħala kumpens bis-saħħa tal-appell mill-kawża msemmija (circa €1.3 miljun); (enfasi tal-Qorti minħabba dak li xehed l-attur u s-sottomissjonijiet tal-konvenut li però ma jinkwadraw xejn mad-deċiżjoni odjerna.)

6. Permezz ta' ittra ***'mingħajr preġudizzju'*** datata 17 ta' Mejju 2012[4] l-avukat konvenut kiteb lill-attur Franco Buttigieg fejn infurmah li f'dak l-istadju huwa kien qed jaġixxi fl-aħjar interess tal-klijent sabiex dan ikun jista' jirbaħ il-każ. Għalhekk aċċetta li jintavola każ quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem għan-nom tagħhom mingħajr ebda ħlas. Huwa ddikjara li kien qed jirrispetta d-deċiżjoni tagħhom li ma jirrinunzjawx għal pretensjonijiet fil-konfront tiegħu u aċċetta li jħallsuh dak dovut lilu għall-proċeduri tal-ewwel istanza. Jingħad ukoll li tal-ittra qed tissemma' biss u unikament minħabba l-eżami ta' din l-eċċezzjoni.

[4] Fol 47

7. L-applikazzjoni quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet *Franco Buttigieg and Others v Malta* tressqet fit-22 ta' Mejju 2012 u b'deċiżjoni datata 7 ta' Ottubru 2014 iddikjaratha inammissibbli[5];

8. Minn naħa tiegħu l-avukat konvenut fl-affidavit tiegħu spjega[6] -

- Ir-raġunijiet li wassluh biex jissolleva l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta[7];
- La s-sentenza quddiem l-ewwel Qorti fil-proċeduri Rik Nru 327/1991 ingħatat fit-8 ta' Ottubru 2010, it-terminu tal-appell kien jiskadi fit-28 ta' Ottubru 2010;
- Li huwa kien informa lill-atturi odjerni li kien hemm 20 jum biex jiġi intavolat l-appell u li kien bagħatilhom abbozz tar-rikors ta' appell fis-17 ta' Ottubru 2010 (disat ijiem wara s-sentenza);
- Li fl-20 ta' Ottubru 2010, l-atturi kienu bgħatulu żewġ abbozzi oħra b'bosta track changes u notamenti fejn, fi kliemu anke bdew ibiddlu kwotazzjonijiet mill-atti tal-kawża ġja preżentati;
- Li l-atturi jgħidu fir-rikors promotur li l-ewwel ittra uffiċjali li ppreżentaw hija datata 10 ta' Ġunju 2015, jiġifieri ħames snin wara;

9. Effettivament l-atturi ppreżentaw kontra l-konvenut żewġ ittri uffiċjali permezz ta' liema nterpellawh sabiex jersaq għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnhom in vista tal-allegata negliġenza tiegħu meta ppreżenta tardivament l-appell tagħhom fil-proċeduri kostituzzjonali Rik

[5] Fol 48 et seq
[6] Fol 20
[7] Fol 28 et seq

Nru 327/91. <u>Dawn l-ittri uffiċjali ġew preżentati fil-11 ta' Ġunju 2015[8] u fil-25 ta' Mejju 2017;</u>

10. Il-kawża odjerna ġiet intavolata fis-6 ta' Ġunju 2018.

**B. EĊĊEZZJONI PRELIMINARI**

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut** tgħid hekk –

*"...l-azzjoni attriċi hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16):"*

**L-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi hekk–

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

Intqal hekk fil-każ **Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et deċiż fit-13 ta' Ġunju 2013**[9] **-**

*"Hu ribadit fil-ġurisprudenza tagħna li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (c) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*

[8] Fol 33 et seq
[9] Cit 353/05

*Hu għalhekk paċifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodiċi Ċivili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726)."*

Il-Qorti tal-Appell kompliet tgħid hekk fil-każ **Ian Borg et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et deċiż fit-30 ta' Ġunju 2021** -

*"Illi kif determinat fil-kawza fl-ismijiet **Rose Gauci et vs. Mr Donald Felice et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata l-10 ta' Gunju, 2005, hawn si tratta ta' preskrizzjoni estintiva li hi intiza li tiddetermina l-perjodu estintiv partikolari bil-ghan li kwistjonijiet ma jithallux pendenti b'mod indeterminat, u dan, in vista tal-massima:*
*"vigilantibus non dormientibus iua succurrunt";"*

In kwantu l-azzjoni mressqa hija dik ta' natura akwiliana, l-konvenut isostni li t-terminu preskrittiv ta' sentejn beda jiddekorri mill-aħħar jum li fih seta' jiġi preżentat l-appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti fil-proċeduri Rik Nru 327/1991 u ċioe' mit-28 ta' Ottubru 2010. Għalhekk fil-fehma tiegħu l-azzjoni odjerna hija preskritta skont il-liġi għax l-ewwel ittra uffiċjali mingħand l-atturi ntbagħtet fil-11 ta' Ġunju 2015, kważi ħames snin wara.

L-atturi jikkonċedu li l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ odjern hija dik ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16. Madankollu huma ma jaqblux mal-konvenut dwar id-data minn meta kellhom jibdew jiddekorru s-sentejn tal-preskrizzjoni. Huma jargumentaw li wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2011 l-avukat konvenut kompla bl-allegat aġir negliġenti tiegħu billi ressaq lill-atturi għal proċeduri oħra ġewwa Starsburgu kontra l-Istat Malti. L-atturi jsostnu li la r-relazzjoni avukat-klijent baqgħet għaddejja matul dawk il-

proċeduri quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, it-terminu preskrittiv ta' sentejn kellu jibda għaddej mid-data li fih intemmu l-proċeduri msemmija u ċioe' mis-7 ta' Ottubru 2014. Isegwi fil-fehma tagħhom li l-ittri uffiċjali tal-2015 u tal-2017 saru tempestivament u għalhekk il-preskrizzjoni ġiet debitment interrotta b'dana li l-kawża odjerna mhijiex preskritta[10].

Ingħad hekk in materja fil-kaz **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deċiż fit-28 t'April 2016[11] -**

*"L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"*[12] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*

*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta għall-impossibilita` li jaġixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq ċitat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu għall-kawżi ġuridiċi li jistgħu ikunu ta' xkiel għall-azzjoni u mhux għal kawżi purament fattwali, per eżempju, għal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soġġettiv diment li dawn ma jqegħduhx fl-impossibilita` li jaġixxi."*

[10] Fol 86 et seq
[11] Rik Gur 1051/2007
[12] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deċiża fl-1 ta' April 2003

Ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Andrew Agius u martu Nikolina Agius u Zoqdi Developers Limited (C10213) v. Direttur Dipartiment tat-Toroq et.**[13] insibu li:

*"Huwa prinċipju tad-dritt illi d-data li tagħti bidu għall-preskrizzjoni hi determinabbli oġġettivament ("Scicluna vs Tracey" : Qorti tal-Appell : 22 ta` Ġunju, 1900 [Vol.XVII.I.151] ; u "Caruana vs Runza" – PA - 7 ta` Mejju, 1999). "L-awturi* ***Baudry-Lacantinerie u Tissier*** *(Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione - Cap XII, para 364 pag 279) jaffermaw illi – "Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere."*

*"Iżjed `l quddiem (para 393 bis, pag 306, op.cit.) igħidu hekk – "La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell`**evento** che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale"*

Kif ġie sottolineat fis-sentenzi appena ċitati, l-preskrizzjoni ta' azzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 bdiet tiddekorri minn dak inhar li din l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata.

Il-Qorti tirrileva li tali eċċezzjoni trid tiġi oġġettivament evalwata fil-kuntest tal-azzjoni odjerna kif ġiet preżentata. Kjarament, kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet huwa ċar li l-atturi odjerni qegħdin jabbinaw l-allegat aġir negliġenti u grossolan tal-konvenut - u kwindi l-pretensjoni tal-ħlas tad-danni – <u>mal-intavolar tardiv tar-rikors tal-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-proċeduri Rik Nru 327/1991</u>. Dan għalihom huwa dak li hu l-font, ***l evento*** tad-danni lilhom allegatament kreati. Dan ifisser li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mid-data tal-

[13] 17 ta' Marzu, 2021. Numru 1 Rikors numru 889/09/1 JZM

iskadenza tat-terminu tal-appell in kwistjoni u ċioe' mit-28 ta' Ottubru 2010.

Għalhekk hija ġustifikata l-eċċezzjoni tal-konvenut stante li mill-atti jirriżulta li l-ewwel ittra uffiċjali da parti tal-atturi ġiet preżentata ferm wara li għaddew is-sentejn ta' preskrizzjoni u ċioe' fil-11 ta' Ġunju 2015, anzi kważi ħames snin wara.

Huwa legalment insostenibbli l-argument tal-atturi li l-preskrizzjoni tal-azzjoni kellha tibda għaddejja mid-data tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tas-7 ta' Ottubru 2014. Anke jekk huwa minnu li f'dik l-epoka l-konvenut kien għadu qed jippresta s-servizzi legali tiegħu lill-atturi, dik il-fażi tar-relazzjoni bejn avukat u klijent ma tiffigurax fil-kawżali u t-talbiet tal-atturi fir-rikors ġuramentat u konsegwentement ma tista' qatt titqies għall-fini ta' preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut avukat Tonio Azzopardi u tiddikjara l-azzjoni attriċi preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**2. Tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom;**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon/Dep. Reġ.**